**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru 3/2018/2**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Rosario Militello**

**Att ta' Akkuza numru 3/2018/2**

**Illum, 26 ta' Gunju, 2024.**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **ROSARIO MILITELLO** ta' ta' 37 sena, iben Francesco u Agatina nee` Piacenti, imwieled Catania, Sqallija, fis-26 ta' Awwissu 1980, u residenti 5, Star Residence, Flat 2, Triq Dobbie, San Ġiljan u detentur tal-passaport Taljan numru **YA3484904,** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**L-Ewwel (1) Kap**
***Produzzjoni, bejgh jew xort'ohra Traffikar tal-pjanta Kannabis, kollha jew biċċa minnha***

**Il-fatti :**

Illi, fis-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fit-tliet (3) xhur ta' qabel din id-data, l-akkuzat **Rosario Militello iddecieda xjentement u illegalment li jibda ibiegħ jew xort'oħra jittraffika l-pjanta Kannabis kollha jew biċċa minnha**;

Illi, dan kollu irrizulta waqt investigazzjonijiet li kienu qed jiġu kondotti da parti tal-Pulizija tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga a rigward ta' diversi persuni ta' nazzjonalita Taljana li allegatament kienu qed jittraffikaw id-droga kannabis;

Illi, nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014), l-akkuzat **Rosario Militello** ġie osservat jagħmel kuntatt ma' terza persuna li wara irrizulta li kien Aaron Sciortino. Fuq suspett raġonevoli, dak il-ħin il-Pulizija waqqfu lil Aaron Sciortino u instab li kien fil-pussess ta' sustanza suspettata droga kannabis u sustanza suspettata droga kokajina;

Illi, wara stħarriġ kimiku li saret fuq dawn l-istess sustanzi da parti tal-Ispizjar nominat mill-Magistrat Inkwerenti, irrizulta illi –

- Il-ħaxix ta' lewn aħdar li nstab kien filfatt id-droga kannabis, kontenenti s-sustanza *tetrahydrocannabinol* f'ammont nett totali ta' tmien mija, tmienja u għoxrin (828) gramma b'purita ta' sebgħa punt ħamsa fil-mija (7.5%) u li għandha valur ta' tlett mija, wieħed u disgħin Ewro u tlieta u tletin ċentezmu (€391.33), u
- It-trab abjad li nstab kien filfatt id-droga kokajina, fl-ammont nett totali ta' wieħed punt tnejn (1.02) grammi;

Illi, sussegwentement, Aaron Sciortino ġie mitkellem mill-Pulizija fejn huwa volontarjament irrilaxxa stqarrija li huwa għazel ukoll li jiġġuramenta quddiem il-Maġistrat. Huwa stqarr, fost l-oħrajn li il-kannabis u l-kokajina li kien inqabad bihom kien xtrahom nhar is-27 ta' Marzu 2014 mingħand raġel ta' nazzjonalita Taljana, li huwa iddentifika bħala l-akkuzat **Rosario Militello;**

Illi, l-investigazzjonijiet da parti tal-Pulizija ma waqfux hemmhekk, izda l-akkuzat **Rosario Militello** inzamm taħt sorveljanza kostanti;

Illi, nhar is-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014), il-Pulizija innutaw movimenti suspettuzi da parti ta' persuna ta' nazzjonalita Maltija – Clive Dimech. Dan

l-istess persuna mar ġewwa r-residenza tal-akkuzat **Rosario Militello**, reġa' ħareġ mill-istess residenza, mar fil-vettura tiegħu, ħa xi ħaġa minn taħt is-*seat* tax-xufier u reġa' daħal fl-istess residenza. Ftit wara Clive Dimech ġie nnutat reġa ħiereġ minn din l-istess residenza, din id-darba fil-pussess ta' baskett kemmxejn imdaqqas, u filfatt telaq b'dan il-baskett minn fuq il-post. Huwa ġie sussegwentement imwaqqaf da parti tal-Pulizija u minn investigazzjonijiet preliminari, irrizulta li l-baskett li kien ħareġ bih mir-residenza ta' **Rosario Militello** kien konteneti sustanza suspettata kannabis *grass*;

Illi, wara stħarriġ kimiku li saret fuq din l-istess sustanza da parti tal-Ispizjar nominat mill-Magistrat Inkwerenti, irrizulta li l-ħaxix ta' lewn aħdar li kien filfatt instab kienet id-droga kannabis, kontenenti s-sustanza *tetrahydrocannabinol* f'ammont nett totali ta' elf, tmien mija, sebgħa u ħamsin (1,857) gramma b'purita ta' sitta punt ħamsa fil-mija (6.5%) u li għandha valur ta' sitta u erbgħin elf, erba' mija, ħamsa u għoxrin Ewro (€46,425);

Illi, l-investigazzjonijiet fil-konfront tal-akkuzat xorta waħda baqgħu għaddejjin u huwa ġie arrestat nhar it-tlieta (3) t'Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014). Dakinhar saret ukoll tfittxija ġewwa r-residenza tiegħu fejn instab l-ammont ta' tmien t'elef Ewro (€8,000) moħbija ġewwa *envelope* abjad li dwarhom ma ingħatat ebda spjegazzjoni plawzibbli;

Illi, l-akkuzat **Rosario Militello** ġie mitkellem mill-Pulizija fejn huwa volontarjament irrilaxxa diversi stqarrijiet li fihom ammetta l-involviment tiegħu f'dan iċ-ċirku ta' traffikar tad-droga, kif ukoll ikkonferma dak li kienu stqarrew lill-Pulizija Aaron Sciortino u Clive Dimech – u ċioe li kien hu li biegħilhom id-droga;

Illi d-droga Kannabis u kull estratt jew tintura tagħha, jew raza meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza hija kkontrollata bil-Liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u *in oltre* l-akkuzat **Rosario Militello** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluza.

**Il-konsegwenzi :**

Illi b'għemilu, l-imsemmi **Rosario Militello** sar ħati talli, nhar is-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fit-tliet (3) xhur ta' qabel din id-data, fil-Gzejjer Maltin, ipproduċa, biegħ jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta Kannabis, kollha jew biċċa minnha, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-uzu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

**L-akkuza :**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuza lill-imsemmi **Rosario Militello,** ħati talli, nhar is-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fit-tliet (3) xhur ta' qabel din id-data, fil-Gzejjer Maltin, ipproduċa, biegħ jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta Kannabis, kollha jew biċċa minnha, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilhu għall-uzu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

**Il-piena mitluba** :

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkuzat **Rosario Militello**, u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċentezmu (116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(b), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(3BA), (7), 22A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939) u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena ohra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat.

**IT-TIENI (2) KAP**
***Pussess aggravat tal-pjanta Kannabis kollha jew bicca minnha***

**Il-fatti:**

Illi, fil-kuntest tac-cirkostanzi u z-zmien imsemmija fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta'Akkuza, jirrizulta biċ-ċar illi:

- Nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014), **Rosario Militello** kien fil-pussess tad-droga kannabis, f'ammont nett totali ta' tmien mija, tmienja u għoxrin (828) gramma b'purita ta' sebgħa punt ħamsa fil-mija (7.5%) u li għandha valur ta' tlett mija, wieħed u disgħin Ewro u tlieta u

tletin ċentezmu (€391.33), liema droga sussegwentement huwa għaddha lil Aaron Sciortino, hekk kif indikat aktar -il fuq;

- Nhar is-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014), **Rosario Militello** kien fil-pussess tad-droga kannabis, f'ammont nett totali ta' elf, tmien mija, sebgħa u ħamsin (1,857) gramma b'purita ta' sitta punt ħamsa fil-mija (6.5%) u li għandha valur ta' sitta u erbgħin elf, erba' mija, ħamsa u għoxrin Ewro (€46,425), liema droga sussegwentement huwa għaddha lil Clive Dimech, jekk kif indikat aktar -il fuq;

Illi, jidher biċ-ċar, senjatament mill-ammont ta' droga nvoluta u ċ-ċirkostanzi li fihom instabet, kif ukoll minn dak li stqarr l-istess akkuzat, illi dawn is-sustanzi perikoluzi ċertament li ma' kinux intizi ghall-uzu personali ta' l-akkuzat, izda kienu intizi sabiex jigu ttraffikati f'dawn il-gzejjer;

Illi, d-droga Kannabis u kull estratt jew tintura tagħha, jew raza meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza hija kkontrollata bil-Liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u *in oltre* l-akkuzat **Rosario Militello** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluza.

**Il-konsegwenzi** :

Illi, b'għemilu, l-akkuzat **Rosario Militello** sar ħati talli, nhar is-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fit-tliet (3) xhur ta' qabel din id-data, fil-Gzejjer Maltin, **kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Kannabis, kollha jew biċċa minnha,** meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx

awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga li ma gietx fornita lilhu ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **taħt tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tiegħu**.

**<u>L-akkuza</u>:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuza lill-imsemmi **Rosario Militello** nhar is-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fit-tliet (3) xhur ta' qabel din id-data, fil-Gzejjer Maltin, **kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Kannabis, kollha jew biċċa minnha,** meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga li ma gietx fornita lilu ghall-uzu tiegħu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **taħt tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tiegħu**.

**<u>Il-piena mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat **Rosario Militello,** u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba'

mija tmienja u sittin Euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) kull wiehed, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d), 12, 15A, 22(1)(a) (2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

**IT-TIELET (3) KAP**
***Pussess semplice tal-pjanta Kannabis, kollha jew bicca minnha***

**Il-fatti :**

Illi, fil-kuntest tac-cirkostanzi u z-zmien imsemmjija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta'Akkuza, l-akkuzat **Rosario Militello,** nhar l-erbgħa (4) t'Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014), volontarjament irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija fejn, fost oħrajn, stqarr li huwa jagħmel uzu mill-kannabis *grass*, u dana għall-uzu personali tiegħu;

Illi, primarjament huwa stqarr li kien ilu bil-vizzju tad-droga madwar tlett (3) xhur u li kien abbuza mid-droga kannabis madwar ġimgħa qabel ma rrilaxja l-istess stqarrija. Huwa stqarr ukoll li kien jabbuza mill-kannabis darba f'xahar;

Illi, d-droga *Kannabis* u kull estratt jew tintura tagħha, jew raza meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza hija kkontrollata bil-Liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u *in oltre* l-akkuzat **Rosario Militello** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew licenzja maħruġa bil-Ligi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluza.

**Il-konsegwenzi :**

Illi b'għemilu l-imsemmi **Rosario Militello** sar ħati talli, fit-tlieta (3) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fl-erba' (4) xhur ta' qabel din id-data, fil-Gzejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta Kannabis kollha jew biċċa minnha, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

**L-akkuza:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi **Rosario Militello**, ħati talli, fit-tlieta (3) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fl-erba' (4) xhur ta' qabel din id-data, fil-Gzejjer Maltin, **kellu fil-pussess tiegħu** (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), **il-pjanta Kannabis kollha jew biċċa minnha,** u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

**<u>Il-piena mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn tnax -il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 3 u 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**<u>IR-RABA' (4) KAP</u>**
***Pussess semplici tal-Kokajina***

**<u>Il-fatti</u>:**

Illi, fil-kuntest tac-cirkostanzi u z-zmien imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta'Akkuza, l-akkuzat **Rosario Militello,** nhar l-erbgħa (4) t'Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014), volontarjament irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija fejn, fost oħrajn, stqarr li huwa jagħmel uzu mid-droga kokajina, u dana għall-uzu personali tiegħu;

Illi, primarjament huwa stqarr li kien ilu bil-vizzju tad-droga madwar tlett (3) xhur u li kien abbuza mid-droga kokajina madwar ġimgħa qabel ma rrilaxxja l-istess stqarrija. Huwa stqarr ukoll li kien jabbuza mill-kokajina darba f'xahar;

Illi, d-droga Kokajina hija kkontrollata bil-Liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u *in oltre* l-akkuzat **Rosario Militello** ma

kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew licenzja mahruga bil-Ligi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluza.

**Il-konsegwenzi:**

Illi b'għemilu l-imsemmi **Rosario Militello** sar ħati talli, fit-tlieta (3) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fl-erba' (4) xhur ta' qabel din id-data, fil-Gzejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-mediċina perikoluza Kokajina, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

**L-akkuza:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi **Rosario Militello**, ħati talli, fit-tlieta (3) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fl-erba' (4) xhur ta' qabel din id-data, fil-Gzejjer Maltin, **kellu fil-pussess tiegħu** (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), **il-mediċina perikoluza Kokajina**, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-

dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn tnax -il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10, 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 3 u 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat illi fis-seduta tat-24 ta' Gunju,  2024, l-akkuzat **Rosario Militello** fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, giet moqrija l-Att tal-Akkuza. Ftit wara l-akkuzat iddikjara li qed jirregistra ammisjoni. Din il-Qorti akkordat zmien xieraq sabiex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu izda ciononnostante insista li jirregistra l-ammisjoni tieghu.

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-akkuzat **Rosario Militello**, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' Gunju, 2024 fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali fejn talbu lil din il-Qorti sabiex issib lill-akkuzat hati tar-reati kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u timponi piena ta' prigunerija effettiva ta' **erba' snin**

**prigunerija effettiva flimkien ma' multa ta' sebat elf euro (€7,000)** u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u'jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tat zmien xieraq lill-akkuzat wara li nfurmatu li kienet qed tacetta l-piena patteggjata mill-avukati difensuri tieghu u l-Avukat Generali u ftit wara insista li jirregistra l-ammissjoni tieghu ghall erba' kapi tal-akkuza.

Ghalhekk, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem din il-Qorti nhar l-24 ta' Gunju. tiddikjara lil hati taht il-Kapijiet tal-Att t' Akkuza **kollha** migjuba kontra tieghu u cioe tar-reati ta' :

1. Produzzjoni, biegh jew xort'ohra traffikar tal-pjanta Cannabis jew biccha minnha.
2. Pussess aggravat tal-pjanta Kannabis kollha jew bicca minnha
3. Pussess semplice tal-pjanta Kannabis, kollha jew bicca minnha.
4. Pussess semplici tal-Kokajina.

Rat il-fedina penali tal-akkuzat mmarkata bhala Dok MB a fol 8 tal-process;

Hadet in konsiderazzjoni il-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar il-piena f'cirkostanzi fejn tkun registrata ammissjoni, fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Nicholas Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar, 1997, **Il-Pulizija kontra Emanuel Testa** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Lulju, 2002**, Ir-Repubblika ta' Malta kontra Mario Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju, 2002 fejn kienu diskussi regoli generali li ghandhom iservu ta' gwida lill-Qorti fil-kominazzjoni tal-piena f'kaz ta' ammissjoni bikrija fejn, fis-sentenza appena citata ta' Emanuel Testa saret referenza ghal dak citat fis-sentenza kontra Nicholas Azzopardi senjatament meta il-Qori kkwotat b'mod estensiv Il-Blackstone's Criminal Practice (Blackstone Press Limited – 2001 edit.) ghaliex ddikjarat li taqbel mal-principji hemm enuncjati u taghmel dawk il-principji bhala taghha:

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery [1992] 14 Cr. App. R (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of onethird would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount my be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty by adducing a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed, (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up*

*much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain...."*

Fil-kaz odjern, l-akkuzat rregistra ammissjoni quddiem din il-Qorti qabel ma gie appuntat il-guri izda wara li kienet ifformulata l-att ta' akkuza u wara li gie prezentata ir-rikros ta' patteggjament bejnu u l-Avukat Generali.

Wara li ezaminat dak enuncjat mis-sentenzi appena citati, din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi ghandha taderixxi mat-talba maghmula mill-Avukat Generali u l-akkuzat **Rosario Militello**, fir-rikors kongunt taghhom tal-24 ta' Gunju, 2024;

Rat l-artikoli 2, 8 (b), 8 (d), 12, 22 (1) (a) (1B) 2 (a) (i) (3A (a) (b) (c) (d) (3BA), (7) 22A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi ( Avviz Legali 292/1929 u l--artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, u tiddikjara li qed issib lill-akkuzat **Rosario Militello** hati tal-erba' (4) Kapi tal-Att t' Akkuza fuq ammisjoni tieghu stess u tikkundannah **erba' snin prigunerija effettiva flimkien ma' multa ta' sebat elf euro (€7,000).**

Tikkundanna wkoll lill-istess **Rosario Militello** jhallas l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9.

Dawn l-ispejjez jikkonsistu fis-segwenti:

1. Is-somma ta' €84.35 li gew imhallsa lil PS 637 Kevin Manicolo skond Dok KM
2. Is-somma ta' €43.68 li gew imhallsa lil PS 1261 Charles Pace skond Dok CP.
3. Is-somma ta' €628.94 li gew imhallsa lil Dr Martin Bajjada skond Dok MB;
4. Is-somma ta' €619.50 li gew imhallsa lil Dr Martin Bajjada skond Dok MB1.
5. Is-somma ta' €261.04 li gew imhallsa lil Dr Martin Bajjada skond Dok MB
6. Is-somma ta'€1,295.18 li gew imhallsa lil Joseph Mallia skond Dok JM;
7. Is-somma ta' €1,829.43 li imhallsa lil Dr John Seyhell Navarro skond Dok JSN;

8. Is-somma ta' €248.45 li gew imhallsa lil PS 659 Jeffrey Hughes skond Dok JH ;
9. Is-somma ta' €208.40 li gew imhallsa lil PS 659 Jeffrey Hughes skond Dok JH1.
10. Is-somma ta' €105.87 li gew imhallsa lil PS 422 Neil Caruana skond Dok NC1
11. Is-somma ta' €389.05 li gew imhallsa lil Dr Steven Farrugia Sacco skond Dok SFS fl-atti tal-inkjesta 254/14 redatt mill-Magistrat Dr Carol Peralta ;

B'kollox din il-Qorti qed tikundanna lil akkuzat ihallas is-somma ta'**€ 5,713.89 inkorsi** f'dan il-process ai termini tal-Artikoli 533 tal-Kap. 9, liema ammont ikun konvertit minnufih fi prigunerija skond il-ligi f'kaz illi l-hati jonqos milli jhallas l-istess fi zmien sittin (60) jum mill-lum.

Il-Qorti mhux se tordna l-hlas tal-ispejjez imhallsa lil Godwin Sammut ghar-rapport Dok GS a fol 69 et seq tal-process, kif ukoll kwalunkwe hlas li sar matul is-snin lill-interpreti inkarigati u dan peress li mill-atti ma jirrizultax kemm dawn thallsu.

Tordna li z-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv jigi mnaqqas mill-perjodu ta' prigunerija impost b'din is-sentenza.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru rreati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mill-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Godwin Sammut u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li għandha tagħmel verbal ta' tali distruzzjoni w iġġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tiehu hsieb jigbor l-ispejjez involuti fin-nomina tal-esperti kif ukoll il-multa inflitta.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**